**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**
**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**David Formosa**

**Kaz No: 183-65**

**Illum, 14 ta' Settembru 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **David Formosa**, bin Joseph u Calcedonia nee' Pace, imwieled Pieta' nhar id-9 ta' Frar 1971, residenti gewwa 32, Triq Tommy Agius Ferrante, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita' 99471M akkuzat talli;

Nhar it-23 ta' April 2019 u zminijiet ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ittrasferixxa jew b'xi mod iehor iddispona minn ghasafar li kienu gew iddikjarati permezz ta' applikazzjoni fl-2003 mal-Awtorita' ghall-Ambjent u r-Rizorsi jew il-predecessur taghha sal-31 ta' Mejju 2003 minghajr ma ghamel talba lit-Taqsima tar-Regolamentazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u minghajr ma kien awtorizzat minn din l-Awtorita' bil-miktub b'dak it-trasferiment jew id-disponiment u dan bi ksur ta' Regolamenti 4 (2) u 21 (10) tal-L.S. 549.42;

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kjacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, kontra d-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddikjarat u registrat ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma inghata l-permessi jew certifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex izomm dak l-ghasfur u dan bi ksur ta' regolament 4 (1) (e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 549.42.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas milli izomm fil-pussess tieghu u ghal perjodu kollu li kien fil-pusses tal-kampjun kif provdut fil-paragrafi (e) u (f) il-permessi, certifikati u dokumenti ohrajn kollha li jippruvaw ghas-sodisfazzjon ta' l-awtorita' kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' regolametn 4 (1)(f) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat L.S. 549.42.

Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala persuna li ghandu licenzja biex izomm jew biex ikollu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew minizzjoni, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjoni b'mod li ma jkunux jistghu jigu f'idejn haddiehor u dan bi ksur ta' Kap. 480 Art. 47(1).

Fl-istress data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u/jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-Kap. 480, Art 5(3).

Il-Qorti giet mitluba illi barra li timponi l-multa applikabbli taht ir-Regolament 27 (2) ta' l-A. L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna s-sospenzjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghal perjodu applikabbli taht l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti giet mitluba ukoll li barra l-piena skont il-ligi tordna r-revoka ta' kull licenzja jew permess mahruga taht l-A.L. 79 ta' 2006 hekk kif emendat u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija hekk kif stabbilit taht regolament 27 (2) (b) tal-A.L. 70 tal-2006 hekk kif emendat u s-sospensjoni tal-licenzja taht il-Kap. 480 tal-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Rat id-dokumenti ezebieti fl-atti processwali odjerni;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet ai fini ta' piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fuq ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu gew ampjament pruvati fit-termini tal-ligi;

Ghaldaqstant, l-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi relevanti, senjatament ir-regolamenti 4(2), 21(10), 4(1)(e), u 4(1)(f) tal-Ligi Sussidjarja 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 47(1) u 5 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta , fuq ammissjoni, qed issib lil qua imputat, David Formosa, **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 1500.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti, ai termini tal-istess disposizzjoni tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006 kif ukoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali qed tordna l-konfiska tal-*corpus delicti*.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur